**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2006**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IS-SITT SENA MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ) ĦIN: 20 MINUTA**

## Karta ta' l-Għalliem/a

## Gwida għat-tmexxija ta' l-eżami tal-Fehim mis-Smigħ

**Riżorsi:**

1. Test li jinqara
2. Karta tal-mistoqsijiet
3. Riga u lapes

INTRODUZZJONI: Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliem/a j/tgħid lit-tfal li**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | • il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel<br>• ser tinqaralhom l-istorja ***Xortiha Tajba***<br>• għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari | **(3 minuti)** |
| **2.** | • jaqilbu l-karta bil-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq<br>• l-għalliem/a j/taqralhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f'qalbhom imma ma jiktbu xejn | **(3 minuti)** |
| **3.** | • jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tat-test<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari | **(3 minuti)** |
| **4.** | • għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq<br>• għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba<br>• jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija | **(5 minuti)** |
| **5.** | • ser jinqaralhom it-test għat-tielet darba<br>• jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari | **(3 minuti)** |
| **6.** | • jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba | **(3 minuti)** |

## Xortiha Tajba

1. Jiena Marija Xerri. Illum se nirrakkuntalkom avventura li jiena u kuġinti Tereża Fenech għaddejna minnha f'Novembru li għadda.

2. Il-ġurnata kienet it-Tlieta, it-2 ta' Novembru, jum li niftakru fil-mejtin tagħna. Ma kellniex skola peress li kienet btala.

3. Morna ż-żewġ familji flimkien b'karozza waħda biex innaqqsu t-tniġġis fl-arja. Qbadna t-triq li teħodna lejn l-inħawi ta' Ħad-Dingli.

4. Missieri saq bil-galbu. Il-vjaġġ ħa nofs siegħa bl-arloġġ.

5. Sakemm il-ġenituri tagħna bdew jarmaw mejda żgħira fejn kellna nieklu, aħna bdejna niġru 'l hawn u 'l hemm.

6. Konna fis-seba' sema 'l bogħod mill-ħsejjes u mid-dħaħen tal-karozzi.

7. F'daqqa waħda lil Tereża ma rajthiex aktar. Ma kontx naf x'sar minnha. Għajjatt isimha, imma kien kollu għalxejn. Ma kienet tidher imkien.

8. Għalhekk mort niġri fejn kienu l-ġenituri tagħna. B'nifsi maqtugħ wasalt u għedtilhom b'kollox. Bla telf ta' ħin, bdiet tfittxija mill-ġenituri tagħna.

9. Missier Tereża sema' xi krib. Kien ġej minn bir miftuħ, bla ħerża, u deher fond mhux ħażin. Xi ħadd irresponsabbli kien neħħa l-għatu tal-bir u tefgħu fil-ġenb taħt siġra. Tereża kienet waqgħet ġo fih.

10. Tereża dehret li weġġgħet sew. Bdiet tibki bl-uġigħ. Missieri kien pront qabad il-mowbajl u ċempel għall-ambulanza u għal tal-Protezzjoni Ċivili.

11. Sakemm ġew jien qgħadt inkellem lil Tereża biex nagħmlilha kuraġġ. Tereża ħassitha aħjar u waqfet tibki.

12. Il-ħidma tas-salvataġġ bdiet f'radda ta' salib.

13. Permezz ta' apparat apposta, in-nies tal-Protezzjoni Ċivili ħarġu lil Tereża mill-bir. Tereża kellha xokk kbir fuqha u kienet kollha tajn.

14. Daħħluha fl-ambulanza u ħaduha dritt lejn l-isptar. Kulma kellha Tereża kien xi ftit grif u kienet qed tbati minn xokk kbir. Ksur ma kellha xejn minkejja li kienet waqgħet madwar tnax-il metru fond.

15. Tereża baqgħet l-isptar għal jumejn taħt osservazzjoni. Wara bagħtuha d-dar u kulħadd feraħ biha.

16. Xi jiem wara morna naraw fejn kienet waqgħet Tereża. Il-bir kien mgħotti b'għatu u msakkar b'katnazz. Kieku kulħadd ikun responsabbli ta' għemilu, kieku inċident bħal dan ma kienx jiġri.

17. Tereża tista' tqis ruħha xortiha tajba għax, minkejja dik il-waqgħa, ma kinitx weġġgħet gravi.

18. Meta mmorru fil-kampanja għandna noqogħdu attenti fejn nimxu għax qatt ma tista' tgħid ma' xiex tista' tiltaqa'.

**Tikteb xejn qabel ma tingħata l-ordni.**
**Oqgħod attent/a l-ħin kollu.**
**Ara li tkun weġibt sewwa.**

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.** (15-il marka)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Min qed jirrakkonta? | Marija Xerri<br>Tereża Fenech<br>Rita Tabone<br>Ċensina Borg | (1) |
| 2. | F'liema xahar seħħet din il-ġrajja? | f'Ottubru<br>f'Novembru<br>f'Diċembru<br>f'Jannar | (1) |
| 3. | Għaliex ma kellhomx skola? | għax kien is-Sibt<br>għax kien il-Ħadd<br>għax kien is-Sajf<br>għax kienet vaganza | (1) |
| 4. | Għalfejn marru b'karozza waħda? | biex inaqqsu t-tniġġis fl-arja<br>biex jiffrankaw il-ħin<br>għax kien iċ-ċpar<br>minħabba l-gwardjan lokali | (1) |
| 5. | Kemm ħadu ħin biex waslu? | għaxar minuti<br>għoxrin minuta<br>tletin minuta<br>erbgħin minuta | (1) |
| 6. | X'qagħdu jagħmlu t-tfal sakemm il-ġenituri bdew jarmaw il-mejda? | Jaqraw ktieb.<br>Jidħlu fl-għerien.<br>Jiġru ma' kullimkien.<br>Jilagħbu bil-ballun. | (1) |
| 7. | Għaliex Tereża ma kienet tidher imkien? | għax bdiet tistaħba<br>għax kienet intilfet<br>għax seraqha xi ħadd<br>għax waqgħet ġo bir miftuħ | (1) |

8. Min neħħieh l-għatu tal-bir?

missier Tereża
xi ħadd irresponsabbli
tal-Protezzjoni Ċivili
il-pulizija (1)

9. Minn xiex bdiet tbati Tereża?

xokk kbir u ftit brix
ksur fl-għadam u ħruq
ħruq u xokk kbir
ksur u xokk kbir (1)

10. Liema sentenza minn dawn turik li xi ħadd ħa azzjoni biex ma jerġax jiġri dan l-inċident.

Il-bir kien mgħotti b'għatu u msakkar b'katnazz.
Il-bir imlewh bl-ilma.
Fl-għalqa għamlu tabella bil-kliem: PRIVAT, TIDĦOLX.
Tal-Protezzjoni Ċivili għamlu avviż fuq it-televixin. (2)

11. L-idjoma li turi li l-familji kienu ferħanin ħafna hi:

bil-galbu
fis-seba' sema
f'radda ta' salib
qalbhom taz-zokkor (2)

12. Tereża għandha xortiha tajba għax

missier Marija ċempel bil-mowbajl mill-ewwel.
tal-Protezzjoni Ċivili u l-ambulanza ġew mill-ewwel.
Marija qagħdet tkellimha biex tagħmlilha kuraġġ.
minkejja dik il-waqgħa ma weġġgħetx gravi. (2)

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2006**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| **IS-SITT SENA** | **MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ)** | **ĦIN: 20 MINUTA** |
|---|---|---|

**Karta ta' l-istudent/a**

**Isem u Kunjom:** ______________________________________

**Klassi:** ___________________________

Tikteb xejn qabel ma tingħata l-ordni.
Oqgħod attent/a l-ħin kollu.
Ara li tkun weġibt sewwa.

| | | |
|---|---|---|
| Marki: | 1 – 9 | (marka kull waħda) |
| | 10 – 12 | (2 marki kull waħda) |

Total: 15-il marka

| |
|---|
| **Tikteb xejn qabel ma tingħata l-ordni.**<br>**Oqgħod attent/a l-ħin kollu.**<br>**Ara li tkun weġibt sewwa.** |

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.** (15-il marka)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Min qed jirrakkonta? | Marija Xerri<br>Tereża Fenech<br>Rita Tabone<br>Ċensina Borg | (1) |
| 2. | F'liema xahar seħħet din il-ġrajja? | f'Ottubru<br>f'Novembru<br>f'Diċembru<br>f'Jannar | (1) |
| 3. | Għaliex ma kellhomx skola? | għax kien is-Sibt<br>għax kien il-Ħadd<br>għax kien is-Sajf<br>għax kienet vaganza | (1) |
| 4. | Għalfejn marru b'karozza waħda? | biex inaqqsu t-tniġġis fl-arja<br>biex jiffrankaw il-ħin<br>għax kien iċ-ċpar<br>minħabba l-gwardjan lokali | (1) |
| 5. | Kemm ħadu ħin biex waslu? | għaxar minuti<br>għoxrin minuta<br>tletin minuta<br>erbgħin minuta | (1) |
| 6. | X'qagħdu jagħmlu t-tfal sakemm il-ġenituri bdew jarmaw il-mejda? | Jaqraw ktieb.<br>Jidħlu fl-għerien.<br>Jiġru ma' kullimkien.<br>Jilagħbu bil-ballun. | (1) |
| 7. | Għaliex Tereża ma kienet tidher imkien? | għax bdiet tistaħba<br>għax kienet intilfet<br>għax seraqha xi ħadd<br>għax waqgħet ġo bir miftuħ | (1) |

8. Min neħħieh l-għatu tal-bir?

missier Tereża
xi ħadd irresponsabbli
tal-Protezzjoni Ċivili
il-pulizija (1)

9. Minn xiex bdiet tbati Tereża?

xokk kbir u ftit brix
ksur fl-għadam u ħruq
ħruq u xokk kbir
ksur u xokk kbir (1)

10. Liema sentenza minn dawn turik li xi ħadd ħa azzjoni biex ma jerġax jiġri dan l-inċident.

Il-bir kien mgħotti b'għatu u msakkar b'katnazz.
Il-bir imlewh bl-ilma.
Fl-għalqa għamlu tabella bil-kliem: PRIVAT, TIDĦOLX.
Tal-Protezzjoni Ċivili għamlu avviż fuq it-televixin. (2)

11. L-idjoma li turi li l-familji kienu ferħanin ħafna hi:

bil-galbu
fis-seba' sema
f'radda ta' salib
qalbhom taz-zokkor (2)

12. Tereża għandha xortiha tajba għax

missier Marija ċempel bil-mowbajl mill-ewwel.
tal-Protezzjoni Ċivili u l-ambulanza ġew mill-ewwel.
Marija qagħdet tkellimha biex tagħmlilha kuraġġ.
minkejja dik il-waqgħa ma weġġgħetx gravi. (2)

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2006**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IS-SITT SENA | MALTI (KITBA) | ĦIN: Siegħa u Nofs |
|---|---|---|

**Isem:** ______________________________

**Klassi:** _______________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u l-isem tal-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.



## A. Wieġeb b'sentenzi SĦAĦ. *(12-il marka)*

1. F'liema ħin tal-ġurnata seħħet din il-ġrajja? *(marka)*

___

2. Agħti raġuni waħda li turi li l-awtur kien tassew għajjien? *(marka)*

___

3. Ma' min qatta' xi ħin jilgħab l-awtur? *(marka)*

___

4. X'kien għaddej minn fuq id-dar waqt li l-awtur kien rieqed? *(marka)*

___

5. Għaliex l-awtur ħaseb li l-Marzjan kien se jorqod? *(marka)*

___

6. X'għoġbu aktar mill-ħamrija iebsa lill-Marzjan? *(marka)*

___

7. Kif taf li dan kien Marzjan qalil? *(marka)*

___

8. Min kien li jipprovdi ħbejża kull lejla? *(marka)*

___

9. Għaliex din il-ġrajja mhix tas-soltu? *(marka)*

___

10. Kif taf li l-awtur kien jikolhom il-ħbejżiet? *(marka)*

___

11. Agħti isem ieħor lil din is-silta. Tużax il-kelma **Marzjan**. *(2 marki)*

___

**Aqra sewwa din is-silta.**
**Wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

# Il-Marzjan



Dawl il-qamar mela kullimkien. Is-sema kien mimli bi kwiekeb ileqqu. Kien sar il-ħin għall-irqad u bdejt nittewweb. Sellimt lill-ġenituri tiegħi u mteddejt f'soddti taħt it-tieqa miftuħa. F'dan l-istaġun ma norqdux bil-magħluq daqskemm tagħmel sħana. Ħin bla waqt għajni marret bija għax kont tassew għajjien. *(par. 1)*

Xejn m'għaddieli minn moħħi li wara l-logħob mal-ħbieb ġirien kont insejt naqfel sew il-bieb ta' wara li jagħti għall-ġnien. Oħroġ il-għaġeb, b'dik l-għeja li kelli, lanqas biss intbaħt li fl-ajru fuq darna kien hemm tidwir ta' xi ħaġa mhix tas-soltu. *(par. 2)*

Imma l-ħsejjes qajmuni. Dlonk xrift mit-tieqa biex nara x'kien għaddej. Bqajt b'ħalqi miftuħ inħares. Lanqas ridt nemmen li fil-ġnien tagħna niżlet vettura spazjali. Id-dawl ħadrani tagħha beda jgħammixli għajnejja. Xebbaht**ha** ma' ħbejża. Hekk dehret l-għamla tagħha! Imma ħbejża daqsiex! U biex aktar inħossni qed noħlom, mill-vettura ħarġet figura stramba. Kien ġisem irqajjaq, b'ħalq daqs dinja, b'żewġ antenni fuq rasu u b'erba' għajnejn. "Dan Marzjan!" għajjatt fil-ħemda. *(par. 3)*

Intefa' taħt siġra u ħsibtu ser jorqod hemm. Imma mort żmerċ. F'ħakka t'għajn sibt**u** mdendel mat-tieqa ta' kamarti u qabeż ġewwa. Lissen xi kliem bil-lingwa li jaf hu. Jiena żgur li ma fhimtux. Imma naf li s-sodda tiegħi għoġbitu. **Din** ratba aktar mill-ħamrija iebsa tal-ġnien. Ma kienx fih aktar mil-lapes li kelli fuq l-iskrivanija imma kien qalil mhux ħażin. Fis bdejt nagħtas. Minn ġo l-imħadda beda jtir ir-rix u ħin bla waqt battal**ha** kollha. Minn ħaġa għal oħra. Kien qisu żiffa riħ. Ma kellux kwiet u sabar. Daqqa jintefa' fuq il-gwardarobba u oħra jitbandal mal-linfa. Insomma kelli lejl mhux tas-soltu. Għedt bejni u bejn ruħi, "Dan Marzjan imqarqaċ!" *(par. 4)*

Meta deherlu xegħel lilu nnifsu b'dawl aħmar u l-antenni dawwal**hom** bl-aħdar. Faqqa' tisfira li ttarrax u niżel lejn dik il-forma ta' ħbejża. Malajr malajr il-vettura bdiet tinqata' mill-art u baqgħet tielgħa 'l fuq sakemm bdiet tiċkien tiċkien u ma dehritx aktar. *(par. 5)*

Dak il-waqt ħassejtni mibluh. Kienet esperjenza sabiħa u żgur li ma ninsieha qatt. Imma, ħej, min kien ser jemminha din il-ġrajja? *(par. 6)*

Biex żgur ma ninsihiex, kull filgħaxija, qed insib fuq il-komodina ħbejża mimlija krema u ċikkulata. Kull **waħda** għandha togħma mhix ta' din id-dinja. *(par. 7)*

**B. Dawn huma idjomi mis-silta li qrajt.
Qabbilhom mat-tifsira.
Ara l-eżempju.** *(6 marki)*

| Idjoma | Tifsira | |
|---|---|---|
| 1. ħin bla waqt | stagħġibt | |
| 2. għajni marret bija | ħsibt | |
| 3. bqajt b'ħalqi miftuħ | malajr malajr | **1** |
| 4. mort żmerċ | ħafif | |
| 5. bejni u bejn ruħi | rqadt | |
| 6. qisu żiffa riħ | f'qalbi | |
| 7. għaddieli minn moħħi | żbaljajt | |

**Ċ. Għalxiex qed tirreferi l-kelma/parti mill-kelma miktuba b'ittri skuri? Ara l-eżempju.** *(5 marki)*



1. Xebbaht**ha** *(par. 3)* **vettura spazjali**
2. sibt**u** *(par. 4)* ____________________
3. Din *(par. 4)* ____________________
4. battal**ha** *(par. 4)* ____________________
5. dawwal**hom** *(par. 5)* ____________________
6. waħda *(par. 7)* ____________________

**D. Sib il-kelma mis-silta li tfisser l-istess:
Ara l-eżempju.** *(8 marki)*

1. stilel **kwiekeb** *(par. 1)*
2. insakkar ____________________ *(par. 2)*
3. indunajt ____________________ *(par. 2)*
4. jagħmini ____________________ *(par. 3)*
5. qabbiltha ____________________ *(par. 3)*
6. forma ____________________ *(par. 3)*
7. kbira ħafna ____________________ *(par. 3)*
8. tkellem ____________________ *(par. 4)*
9. fettillu ____________________ *(par. 5)*



## E. Ara x'hemm miktub fil-parentesi. Ikteb dik il-kelma fil-vojt. L-ewwel waħda lesta. *(6 marki)*

Waqt li konna qed naraw l-aħbarijiet tas-**sebgħa** *(ikteb in-numru 7 fi kliem),* smajna bl- ____________________ *(kelma oħra minflok* ***bxara****)* kerha li kien ikkraxxja ajruplan.

Ambulanzi u karozzi tat-tifi tan-nar _________________ *(il-verb mill-għerq* ***ħ-r-ġ****)* jiġru fuq il-post, imma kien kollu għalxejn.



B'xorti ħażina __________________ *(agħti l-maqlub ta'* ***kulħadd****)* mill- __________________ *(****in-nies*** *ta' fuq l-ajruplan)* ma salva.

Dan kien l-agħar inċident ta' l-ajru f'dawn l-aħħar _________________ *(plural ta'* ***sena****).*

L- _________________ *(plural t'****awtorità****)* ordnaw inkjesta biex jaraw x'kien il-kaġun ta' dan l-inċident.

## F. Żid pronom mehmuż fil-vojt. Ara l-eżempju fil-bidu tas-silta. *(10 marki)*



Xahar ilu, jiena u ħabib<u>**i**</u> Pawlu morna l-Fiera tal-Ktieb. Fil-fiera kien hemm ukoll Ġuża u ħabibit_____ Marija. Huma bħalna jħobbu_______ ħafna l-kotba bil-Malti.

Ħin bla waqt daħal l-awtur favorit tagħ______ t-tfal biex jiffirma l-kotba.

Pawlu ġera lej______ biex jiffirmal______ l-ktieb.

Minkejja li kien hemm ħafna nies, Pawlu ma qatax qalb______.



Fuq il-ktieb l-awtur kiteb ism_______, xi dedika żgħira u wara ffirma_____.

Meta wasalt id-dar, intfajt fuq is-sodda bil-ktieb f'idi u bdejt naqra_____.

Dak in-nhar kienet esperjenza sabiħa li aħna t-tfal żgur m'aħna se ninsew______ qatt.

## Ġ. Aqra dan it-tagħrif fuq is-sur Cini. Wara ikteb kelma WAĦDA BISS fil-vojt biex is-silta tagħmel sens.

*(10 marki)*

Frans Cini jgħix Ħal Ħarruba, ir-raħal __________ twieled u li jinsab fin-nofsinhar ta' Malta. Illum jgħodd sittin sena. Kulħadd jafu __________ s-ser.

Beda jgħallem __________ għoxrin sena u __________ dawn l-aħħar erbgħin sena, għallem fl-istess raħal.

Tista' tgħid li għallem mijiet ta' __________ li kibru, iżżewġu u għallmilhom l-istess tfal tagħhom.



Għal xi raġuni __________ oħra kulħadd jaħsibha l-istess fuq is-sur Cini, għalliem iddedikat, ċajtier u jagħmel minn kollox biex jgħin __________ kulħadd. Is-sur Cini __________ jirtira s-sena d-dieħla. Żgur li n-nies ta' Ħal Ħarruba se jħossu n-nuqqas tiegħu fl-iskola, __________ żgur ukoll li s-Sur Cini se jibqa' jagħti daqqa t'__________ lill-komunità kollha tar-raħal.

## G. Ibdel fl-GĦadd Imtenni l-kliem li hemm fil-parentesi. *(3 marki)*

(**Jum**) ______________ ilu mort l-iskola ta' Ħal Ħarruba biex inkellem lis-sur Cini.



Hu kien l-għalliem, li għal (**sena**) ______________ sħaħ għallimni fl-iskola primarja.

(**Ġimgħa**) ______________ oħra se nerġa' mmur narah, għax għandu jsibli xi ritratti li kien ħa fil-klassi meta jien kont għandu.

## GĦ. Ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti: *(25 marka)*

1. *Kompli din l-istorja li tibda hekk:*

   Il-kitla kienet fuq in-nar. Beda tiela' ħafna fwar…



2. Pitirross għadu kemm wasal fostna wara vjaġġ twil mill-Ingilterra. Laqgħu għasfur tal-bejt li jgħix hawn Malta.

   *Ikteb id-djalogu ta' bejniethom.*



3. Jien ħuta ta' l-ilma ħelu. Minn din il-vaska tal-ħġieġ, lejl u nhar, noqgħod nara x'ikun għaddej f'dil-kamra.

   *Ikteb x'tara, x'tisma' u dak kollu li jiġri matul il-ġurnata.*



4. L-appelli fuq it-televixin qanqluni. Dik id-dehra ta' wara t-terrimot għafsitli qalbi.
   Dak il-ħin għedt lili nnifsi, "Irrid ngħin".

   *Ikteb dwar dak li għamilt biex tgħin.*



5. Spiss nisimgħu dan il-kliem:
   "Mill-għatba 'l ġewwa nżommuh nadif, iżda mill-għatba 'l barra donnu mhux tagħna!"

   *Ikkummenta.*



***Tmiem il-Karta***